EMENDI TAL-KONVENZJONI DOGANALI DWAR IT-TRASPORT INTERNAZZJONALI TA' MERKANZIJA LI TAQA' TAĦT IL-CARNETS TIR (IL-KONVENZJONI TIR TAL-1975)

Skont in-Notifika lid-Depożitarju tan-NU 115.2025.TREATIES-XI.A.16 *l-emendi segwenti għall-Konvenzjoni TIR jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2025 għall-Partijiet Kontraenti kollha:*

1. **Nota ta' Spjegazzjoni 8.10(e)**

Daħħal Nota ta' Spjegazzjoni 8.10 (e) ġdida *li għandha tinqara:*

"8.10 (e) F'każ ta' tilwim, li potenzjalment ikollu impatt fuq il-funzjonament tal-katina ta' garanziji, bejn l-organizzazzjoni internazzjonali, assoċjazzjoni nazzjonali, l-amministrazzjoni(jiet) doganali jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti(jiet) Kontraenti kkonċernati, u li jista' jwassal għat-terminazzjoni ta' kwalunkwe ftehim bejn il-partijiet involuti, għandhom jinfurmaw lil xulxin mingħajr dewmien. Il-partijiet għandhom jibdew negozjati għas-soluzzjoni tat-tilwima sabiex jiżguraw il-kopertura mingħajr interruzzjoni tal-garanziji fit-territorju doganali kkonċernat.

Fi kwalunkwe ħin, kwalunkwe parti tista' tinforma uffiċjalment lill-Bord Eżekuttiv TIR u titlob l-assistenza tiegħu biex tiġi ffaċilitata s-soluzzjoni tat-tilwima.".

2. **Nota ta' Spjegazzjoni 0.6.2 bis-1**

Immodifika Nota ta' Spjegazzjoni 0.6.2a-1 *li għandha tinqara:*

"0.6.2 bis-1 Ir-relazzjoni bejn organizzazzjoni internazzjonali u l-assoċjazzjonijiet membri tagħha għandha tkun iddefinita fi ftehimiet bil-miktub dwar il-funzjonament tas-sistema internazzjonali tal-garanziji. Il-ftehimiet jistgħu jiġu tterminati minn kwalunkwe parti b'avviż minn qabel ta' mill-inqas 6 xhur, ħlief fil-każ ta' revoka preċedenti ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2a tal-Artikolu 6.".

3. **Estensjoni tal-validità taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni**

(a) Anness 3, paragrafu 4

Issostitwixxi "sentejn" bi "3 snin".

(b) Anness 4, Ċertifikat Mudell ta' Approvazzjoni ta' Vettura tat-Triq, paġna 4, paragrafu 3

Issostitwixxi "sentejn" bi "3 snin".

4. **Aċċettazzjoni taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni sal-aħħar data ta' validità**

Anness 4, Ċertifikat Mudell ta' Approvazzjoni ta' Vettura tat-Triq, paġna 4, paragrafu 6 ġdid

Żid paragrafu 6 ġdid li *għandu jinqara* kif ġej:

"6. Sakemm it-trasport TIR ikun beda fid-data finali tal-validità taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni jew qabilha, iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jibqa' validu sa tmiem it-trasport TIR fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni finali.'.